# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 14 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 39.**
**Citazz. Nru. 1736/00 JRM.**

**Malta International Airport p.l.c.**

**vs**

**Rinella Entertainment Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet:

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef u disa' mitt liri maltin (Lm6,900) dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghall-uzu ta'

*'advertising sites'* innumerati 'W16' u 'B14' u 'B16' u ghal l-uzu ta' *'promotional stand'* innumerat 'PRS2' li jinsabu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, kif jirrizulta mill-fattura hawn anness u markat dokument 'M.I.A. 1', u dan skond ftehim bejn il-partijiet kontendenti (vide l-iskrittura privata kopja hawn annessa u markata Dokument 'M.I.A. 2');

Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas is-somma dovuta lis-socjeta' attrici, bonarjament u anke' permezz ta' ittra ufficjali datata tlieta (3) t'Awissu, sena elfejn (2000) debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta fis-sebgha (7) t'Awissu, sena elfejn (2000), izda s-socjeta' konvenuta xorta baqghat inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tiddeciedi li s-somma ta' sitt elef u disa' mitt lira Maltin (Lm6,900) hija dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghar-ragunijiet hawn fuq premessi;

2. tikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma msemmija fid-domanda precedenti lis-socjeta' attrici;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-VAT u ta' l-ittra ufficjali tat-tlieta (3) ta' Awissu, sena elfejn (2000) u bl-imghax kummercjali mill-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, 1999 kontra s-socjeta' konvenuta, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tiddeciedi li s-somma ta' sitt elef u disa' mitt lira Maltin (Lm6,900) hija dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u tikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma msemmija fid-domanda precedenti lis-socjeta' attrici u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-VAT u ta' l-ittra ufficjali tat-tlieta (3) t'Awissu, sena elfejn (2000) u bl-imghax kummercjali mill-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, 1999 kontra s-socjeta' konvenuta.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**14, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**14, ta' Novembru, 2000.**